**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. RGĦ 33/13

**Minuti tal-33 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 24 ta' Lulju 2013.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa fis-3:00 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; Dr Samuel Azzopardi (President), Joseph Sultana (Viċi president) il-membri Mario Azzopardi, Salvu Borg, Francis Cauchi, Nicky Saliba, Joe Cordina, David Apap u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

Intqalet t-talba u peress illi l-minuti tat- 32 laqgħa kienu ntbgħatu minn qabel, ma nqrawx u ġew approvati unanimament.

1. **Korrispondenza**

*1.1* Memo 15/2013 – L-użu tal-*internet banking* dwar il-possibilità illi jintuża l-*internet banking* ukoll biex jitħallsu s-suppliers mhux biss bħala *view only.*

1.2 Memo 17/2013 – Applikazzjoni għal *live streaming* tal-laqgħat. Wara diskussjoni qasira kulħadd qabel illi għandha ssir l-applikazzjoni.

2. **Ħatra ta' membru sostitut ġdid fuq il-Gozo Regional Committee (MCESD)**

2.1 Is-segretarju nforma lill-Kumitat illi wara li l-Kunsill Lokali tax-Xewkija nnomina lis-Sur Paul Azzopardi bħala membru ta' dan il-Kumitat nħolqot vakanza bħala membru sostitut ġdid fuq il-*Gozo Regional Committee* (MCESD).Is-Sur Joe Cordina (membru) propona illi s-Sur Paul Azzopardi jkun il-membru sostitut tiegħu fuq dan il-kumitat. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

3. **Diskussjoni u approvazzjoni tal-pagamenti**

3.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 22 illi tammonta għal €2,765.19 ġiet approvata.

4. **Materji oħra**

4.1 Is-segretarju nforma lill-Kumitat illi huwa attenda xi laqgħat dwar sejħa għall-applikazzjoni tal-*Local Action Group* miftuħa għall-Kunsilli Lokali Għawdxin. Huwa nforma illi s-sejħa għandha toħroġ kemm jista' jkun malajr.

4.2 Fuq talba tas-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali saret diskussjoni dwar ġurnata attivitajiet ġewwa Għawdex sabiex jiġu ċċelebrati l-għoxrin sena minn meta twaqqfu l-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat Reġjonali ħareġ b'dawn il-proposti;

- Wirja fl-Arkivji Nazzjonali bid-dokumentazzjoni u pittura
- Ktejjeb dwar il-kunsilli lokali għat-tfal tal-iskola
- Seminar għall-pubbliku dwar il-Gvern Lokali

4.3 Peress illi ma kienx hemm materji oħra il-laqgħa ġiet fit-tmiemha fl-4:00 pm.

________________ ________________

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi<br>President | Ian Paul Bajada<br>Segretarju Eżekuttiv |